MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 1150/2004

**Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Karmenu Farrugia abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Karmenu Farrugia [540848(M)]**

**vs**

**Daniel Buhagiar**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-1 ta' Gunju, 2004 fejn intalab il-hlas ta' hames mija u sebgha u**

**disghin Lira Maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lm597.42), rapprezentanti d-danni kollha sofferti mill-attur Karmenu Farrugia assigurat tas-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited noe, u li ghalihom ghamlu tajjeb, kwantu ghall-ammont ta' hames mija u tnejn u ghoxrin lira Maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lm522.42), is-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited, u kwantu ghall-ammont ta' hamsa u sebghin Lira Maltin (Lm75.00) l-istess Karmenu Farrugia in linea ta' *excess payment*, bhala rizultat ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fid-9 ta' Awissu 2003 ghall-habta tal-10.00a.m. gewwa Triq in-Naxxar, Gharghur, bejn il-vettura proprjeta' ta' l-attur Karmenu Farrugia, bin-numru ta' registrazzjoni MRF 779 u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta' registrazzjoni EAD 604, liema ncident sehh unikament bhala rizultat ta' traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali mibghuta kontestwalment mal-avviz lis-socjeta' assikurattrici GasanMamo Insurance Limited, u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' dan l-Att sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta prezentata mill-konvenut fit-22 ta' Gunju, 2004, fejn intqal illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante li l-incident tat-traffiku in kwistjoni ma garax tory u htija tal-esponenti, izda gara unikament tort ta' Mark Anthony Farrugia l-assikurat tal-attur, u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;**
**Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.**

**Semgha x-xhieda ta' Luciano Caruana, PS 1393 Charles Azzopardi, Mark Anthony Farrugia, Doreen Grech u Daniel Buhagiar. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-disfensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Il-kawza tirrigwarda kollizzjoni illi sehhet fid-9 ta' Awissu 2003 ghal habta ta' l-10:00a.m. fi Triq in-Naxxar il-Gharghur bejn il-vettura MRF 779 proprjeta' ta' l-attur Karmenu Farrugia u misjuqa minn Mark Anthony Farrugia u l-mutur EAD 604 misjuq mill-konvenut Daniel Buhagiar.**
**2. Jirrizulta illi Farrugia kien miexi f'Naxxar Road qed javvicina kantuniera f'dik it-triq. Mid-direzzjoni opposta kien gej il-mutur. Kif jinghad fir-road accident report "being driven on the middle of the road."**
**3. Jirrizulta illi la l-mutur u lanqas il-vettura ma setghu jaraw lil xulxin qabel ma jghaddu l-kantuniera inkwistjoni. Kien jispetta liz-zewg vetturi li jsuqu bl-akbar galbu, tenut kont illi t-triq hija pjuttost dejqa kif ukoll il-fatt illi kien hemm din il-liwja.**
**4. Hekk Mark Anthony Farrugia jghid illi kien miexi b'xi 25k.f.s mal-genb tat-triq u ra mutur gej gas down. Il-konvenut ma jghidx li kien gej gas down izda jghid li kien miexi b'xi 35k.f.s.**
**5. Jirrizulta illi l-karozza resqet izjed lejn il-genb filwaqt li l-mutur resaq izjed lejn il-genb l-iehor. Jirrizulta illi f'ebda mument ebda wahda mill-vetturi ma waqfet miexja. Il-kollizzjoni sehhet meta l-mutur bil-footrest laqat il-bieba ta' wara tal-vettura ta' l-attur.**
**6. Fic-cirkostanzi t-Tribunal iqis illi z-zewg vetturi ghandhom responsabbilta' fi grad ugwali ghall-incident li sehh u dana in kwantu hadd minnhom ma waqaf biex ihalli lill-iehor ighaddi izda t-tnejn baqghu mexjin u ppruvaw ighaddu minn ma xulxin nono stante illi t-triq hemmhekk hi dejqa.**
**7. Bhala danni dawna jirrizultaw pruvati mid-dokumenti esebiti a fol 14, 16 sa 18 tal-process.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi jsib lill-partijiet responsabbli fi grad ugwali ghall-incident li sehh, jikkundanna lill-konvenut ihallas**
**lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn tlieta u ghoxrin lira u wiehed u sebghin centezmu (Lm223.71) u lill-attur is-somma ta' hamsa u sebghin lira (Lm75). Bl-imghaxijiet legali dekorribbli mil-lum sal-hlas effettiv.**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------